MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 374/1994/1

Marica-Ann Azzopardi mart
Paul Azzopardi
Vs
Dottor Stephen Thake ghan-nom
ta' Michele Peresso Ltd u permezz ta'
nota pprezentata mill-Avukat Dr Robert
Mangion LL.D fit-28 ta' Marzu 1994 Emmanuel
Peresso assuma l-atti ghan-nom tas-socjeta'
konvenuta Michele Peresso Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-18 ta' Marzu 1994 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi gie ezegwit mandat ta' qbid li jgib in-numru 334/94 AS mahrug bl-awtorita' ta' din il-Qorti; illi l-istess mandat gie ezegwit kontra l-ligi u dan peress (a) li l-oggetti maqbuda huma dotali tal-attrici kif jigi pruvat u (b) inoltre fil-maggor parti gie ezegwit fuq l-ghamara li d-debitur u l-familja tieghu ma jistghux jghaddu minghajra u dan bi ksur tal-Artikolu 304(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; illi ghalhekk l-istess

mandat ma ghandux jibqa' fis-sehh u ghandu jigi revokat; talbet li din il-Qorti:-

1. tirrevoka l-mandat ta' qbid li jgib in-numru 334/99AS u dana peress li l-istess mandat (a) li l-oggetti maqbuda huma dotali tal-attrici kif jigi pruvat u (b) inoltre fil-maggor parti gie esegwit fuq l-ghamara li d-debitur u l-familja tieghu ma jistghux jghaddu minghajrha u dan bi ksur ta' l-artikolu 304 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine u bl-ingunzjoni minn issa tal-istess ghas-subizzjoni u b'riserva ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tat-28 ta' Marzu 1994 li permezz taghha eccepiet:-

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru peress li Peter Paul Azzopardi, id-debitur li kontra tieghu gie ezegwit il-mandat ta' qbid nur 334/94 AS, mux parti fil-kawza odjerna u ghaldaqstant l-eccipjent nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi t-talba attrici hija rritwali u nfondata stante illi anke li kieku ghas-sahha tal-argument xi oggetti tal-attrici gew milquta bl-esekluzzjoni tal-mandat ta' qbid de quo, hi ghandha dritt biss titlob ir-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat minn fuqhom u mhux ir-revoka tal-mandat in toto.
3. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attrici, fil-mument tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid de quo, ma kienetx ghadha toqghod fil-fond li minnu gew maqbuda l-oggetti in kwistjoni u lanqas kienet qed tuzhom u ghalhekk hija ma tistax tinvoka a favur taghha l-artikolu 304 (a) tal-Kap 12.
4. Illi fil-mertu il-mandat ta' Qbid de quo gie mahrug u ezegwit skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' April 1994 meta giet michuda t-talba ghall-kjamata n-kawza ta' Peter Paul Azzopardi.

Rat is-sentenza taghha tat-3 ta' Ottubru 1994 meta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet michuda, bl-ispejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta, billi l-attrici, ghalkemm inghatat il-fakolta' naqset li tippresenta nota ta' osservazzjonijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri gew istitwiti wara l-ezekuzjoni ta' mandat ta' qbid fuq ir-residenza matrimonjali tal-konjugi Azzopardi in konnessjoni ma dejn li l-istess Peter Paul Azzopardi kellu mas-socjeta' konvenuta. Qed jinghad li dan il-mandat ghandu jigi revokat nkwantu l-oggetti maqbuda huma ta' proprjeta' dotali tal-attrici u fi kwalunkwe kaz jirraprezentaw oggetti li huma mehtiega ghal hajja ta' kull jum tal-konjugi Azzopardi u b'hekk mhux soggetti ghall-qbid a termini ta' l-artikolu 304(a) tal-Kap 12.

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi fl-ewwel lok li dawn il-proceduri huma irritwali nkwantu l-attrici qatt ma kellha titlob u qatt ma tista' tottjeni dikjarazzjoni ta' nullita' ta' mandat – salv prova li dan il-mandat inhareg hazin jew l-ezekuzzjoni tieghu kienet difettuza – izda li se mai setghet biss titlob l-revoka tal-ezekuzzjoni fuq l-effetti maqbuda kemm-il darba jirrizulta li dawn ma kienux jappartjenu lid-debitur. Inoltre qed jigi eccepit li l-artikolu 304(a) tal-Kap 12 mhux applikabbli billi l-oggetti maqbuda mill-mandat ma kienux qed jintuzaw mill-konjugi Azzopardi li f'dak il-perjodu kienu fi process ghas-separazzjoni personali li effetivament gie konkluz fl-20 ta' Ottubru 1994.

Illi apparti l-kwistjoni tal-irritwalita' tat-talba attrici din l-Qorti tosserva li l-attrici ma resqet ebda prova konvincenti li dak allegat fic-citazzjoni, u cioe li l-effetti maqbuda bil-

mandat kienu proprjeta' taghha. Huwa minnu li fis-6 ta' April 1994 gie ppubblikat kuntratt fejn, wara li gie ottenut il-permess mehtieg mis-Sekond Awla, certa effetti mobbili u cioe dawk li gew maqbuda bil-mandat fuq imsemmi, kienu dikjarati dotali tal-attrici. Dan il-kuntratt izda jidher suspett billi gie ppubblikat wara l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid li sehh fis-17 ta' Marzu 1994 u seta' ghalhekk kien intiz biex jilqa' ghall-eventwalita' li tkun mehtiega prova f'dawn il-proceduri. L-istess attrici xhedet li l-ghamara kollha inxtrat minnha minghand il-Blue Sky Furniture, izda meta xhed ir-rapprezentat ta' din id-ditta u cioe Charles Attard dan mhux biss ikkonferma li t-trattivi u l-ordni relattiva kienu saru ma' Peter Paul Azzopardi, izda jirrzulta wkoll li l-invoices u l-pagamenti kollha li saru lil din id-ditta, hlief ghad-depositu ta' LM200, kienu saru minn Paul Azzopardi u l-ircevuti hargu f'ismu. Inoltre jigi rilevat li l-istess xhud gharaf bhala manifatturati minnu diversi bicciet ghamara li gew maqbuda in forza tal-mandat u li kienu dawk ordnati u mhallsa minn Peter Paul Azzopardi.

Minn dan jidher li t-talba fuq il-bazi tal-proprjeta' tal-oggetti maqbuda ma tistax tirnexxi billi ma ngibitx prova sodisfacjenti li dawn l-oggetti maqbuda kienu ta' l-attrici. Anzi ghal kuntrarju dik il-prova li tressqet fir-rigward ta' xi 'items' turi l-kuntrarju.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 304 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi li "*The property hereunder mentioned is <u>not</u> subject to seizure*" u fis-subinciz (a) jiddeskrivi dawk l-effetti ta' natura personali u ragionevolment mehtiega sabiex wiehed jghix decentement li ma humiex soggetti ghal qbid. Dawn huma "*such clothes for daily wear, bedding and such utensils and furniture as are considered reasonably necessary for the decent living of the debtor and his family.*" Din il-proibizzjoni hija assoluta hlief fil-kazi kontemplati fil-proviso ghall-istess artikolu u cioe meta l-ezekuzzjoni tkun ghall-kreditu ta' l-istess oggetti, meta l-ezekuzzjoni tkun rigwardanti kreditu ghall-kera jew cens fejn jinstabu l-oggetti (dak li nsejhuli l-privilegg *super invectis et illatis)* u kemm-il darba d-debitur ma jkollux

proprjeta’ ohra u l-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni fuq dawn l-oggetti.

Fil-kaz in ezami ma jirrizulaw ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-proviso ghall-artikolu 304 fuq citat. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tara biss jekk l-oggetti maqbuda jaqghux taht id-‘definizzjoni’ kontemplata mis-subinciz (a) tal-artikolu 304 u jekk iva, dawk ma jistghux ikunu suggettati ghall-mandat ta’ qbid, u dana indipendentement mill-fatt jekk l-oggetti humiex tad-debitur jew le.

Minn ezami tal-lista li tinsab annessa mal-mandat numru 334/94 redatta mill-Marixxal Albert Scicluna jidher li l-effetti kollha hemm elenkati huma hwejjeg necessarji ghall-ghejxien decenti tal-parti interessata billi dawn fil-maggor parti jikkonsistu f’ghamara li wiehed ma jistghax jghaddi minghajrha, kif ukoll minn oggetti ohra li, fil-gurnata tal-lum, huma kunsidrati bhala necessarji ghal dak l-ghexien *decenti.* Sa hawn ghalhekk jidher li t-talba attrici bazata fuq l-artikolu 304 tal-Kap 12 hija gustifikata. Izda l-konvenut qed isostni li dan l-artikolu mhux applikabbli billi l-konjugi Azzopardi f’dawk iz-zmienijiet kienu ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni u l-attrici ma baqghatx tabita fil-fond.

Attwalment jirrizulta li s-separazzjoni personali ta’ bejn il-konjugi Azzopardi giet konkjuza f’Ottubru 1994 u cioe seba’ xhur wara l-ezekuzzjoni tal-mandat u ma ngiebet ebda prova li dawn il-proceduri, jew ghal anqas is-separazjoni *de facto*, kienu gja ezistenti fid-data tal-ezekuzzjoni tal-mandat. Anzi mix-xhieda tal-Marixxall Scicluna jirrizulta l-kuntrarju billi jidher li l-ghada li kien gie ezegwit il-mandat, Peter Paul Azzopardi kien mar jipprotesta mieghu dwar l-ezekuzzjoni. Dan juri li ghal anqas f’dak il-perjodu l-konjugi Azzopardi kienu ghadhom jikkoabitaw. Jinghad ukoll li mhux konvincenti l-konvenut meta jghid li wara l-mandat l-attrici ma baqghetx tabita fil-fond minn fejn ittiehdu l-oggetti. Dan billi fl-ewwel lok kien fisikament impossibbli li tibqa’ tabita fid-dar konjugali stante li ma kienx hemm ghamara fid-dar u, fit-tieni lok, mal-presentata tac-citazzjoni l-istess attrici talbet l-

urgenza propjru minhabba l-aspetti tal-artikolu 304(a) tal-Kap 12.

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u cioe dik tal-irritwalita' tal-proceduri jigi rilevat li gia la darba irrizulta, kif jidher hawn fuq, li l-oggetti maqbuda kienu protetti bis-sub inciz (a) ta' l-Artikolu 304 tal-Kap 12, u cioe dawn ma setghux jinqabdu, it-talba ghar-revoka tal-mandat kienet gustifikata billi tali mandat jelenka biss dawk l-oggetti li ma humiex suggett ta' qbid u konsegwentement l-istess mandat jrid jigi per necessita' revokat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tirrevoka l-mandat ta' qbid numru 334/94 AS fl-ismijiet "*Dr. Stephen Thake ghan-nom ta' Michele Peresso Ltd vs Paul Azzopardi.*" Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut hlief ghal dawk koncernanti r-rikors ghall-kjamata in kawza dekretat fit-18 ta' April 1994.

Onor Imhallef Albert J. Magri